

Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15518/23
ADD 1

DENLEG 55
FOOD 85
SAN 669

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	13 ta' Novembru 2023
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D(2023) 92050/2 ANNEX
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tat-tossini T-2 u HT-2 fl-ikel

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D(2023) 92050/2 ANNEX.

Mehmuż: D(2023) 92050/2 ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2017/1196 Rev1 ANNEX
(POOL/E2/2017/1196/1196-R1-EN
ANNEX.docx) D092050/02
[...] (2023) **XXX** draft

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' **XXX**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tat-tossini T-
2 u HT-2 fl-ikel**

ANNEX

Fit-Taqsima 1 (Mikotossini) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/915, tiżdied l-entrata 1.9 (tossini T-2 u HT-2) li ġejja:

“

1.9	Tossini T-2 u HT-2	Livell massimu (µg/kg)	Kummenti
		Somma tat-tossini T-2 u HT-2	Għas-somma tat-tossini T-2 u HT-2, il-livelli massimi jirreferu għall-konċentrazzjonijiet tal-livell inferjuri, li huma kkalkolati bis-suppożizzjoni li l-valuri kollha taħt il-limitu tal-kwantifikazzjoni huma zero.
1.9.1	Ħbub taċ-ċereali mhux ipproċessati ħlief il-prodotti elenkati fil-punti 1.9.1.1., 1.9.1.2, 1.9.1.3 u 1.9.1.4	50	Ħlief il-ħbub tal-qamħirrum mhux ipproċessati maħsuba sabiex jiġu pproċessati permezz ta' maċinazzjoni niedja u ħlief ir-ross. Il-livell massimu japplika għall-ħbub taċ-ċereali mhux ipproċessati mqiegħda fis-suq qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju ⁽⁶⁾ .
1.9.1.1	Ħbub tax-xgħir tal-birra mhux ipproċessati	200	Il-livell massimu japplika għall-ħbub tax-xgħir tal-birra mhux ipproċessati mqiegħda fis-suq qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju ⁽⁶⁾ .
1.9.1.2	Ħbub tax-xgħir mhux ipproċessati għajr il-ħbub tax-xgħir tal-birra mhux ipproċessati	150	Il-livell massimu japplika għall-ħbub tax-xgħir mhux ipproċessati mqiegħda fis-suq qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju ⁽⁶⁾ .

1.9.1.3	Ħbub tal-qamħirrum mhux ipproċessati u ħbub tal-qamħ durum mhux ipproċessati	100	<p>Ħlief il-ħbub tal-qamħirrum mhux ipproċessati li għalihom huwa evidenti eż. permezz ta' tikkettar jew destinazzjoni, li huma maħsuba li jintużaw fi proċess ta' maċinazzjoni niedja biss (produzzjoni tal-lamtu).</p> <p>Il-livell massimu japplika għall-ħbub tal-qamħ durum mhux ipproċessati u għall-ħbub tal-qamħirrum mhux ipproċessati mqiegħda fis-suq qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju ⁽⁶⁾.</p>
1.9.1.4	Ħbub tal-ħafur mhux ipproċessati bil-ħliefa li ma tittikilx	1 250	<p>Il-livell massimu japplika għall-ħbub tal-ħafur mhux ipproċessati bil-ħliefa mqiegħda fis-suq qabel l-ipproċessar tal-ewwel stadju ⁽⁶⁾.</p> <p>Il-livell massimu japplika għall-ħbub tal-ħafur bil-ħliefa li ma tittikilx inkluża.</p>
1.9.2	Ċereali mqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali ħlief il-prodotti elenkati fil-punti 1.9.2.1 u 1.9.2.2	20	Ħlief ir-ross.
1.9.2.1	ħafur imqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali	100	
1.9.2.2	Xgħir, qamħirrum u qamħ durum imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali	50	
1.9.3	Prodotti tal-maċinazzjoni taċ-ċereali ħlief il-prodotti elenkati fil-punti 1.9.3.1 u 1.9.3.2	20	Ħlief il-prodotti tal-maċinazzjoni tar-ross.
1.9.3.1	Prodotti tal-maċinazzjoni tal-ħafur (inkluż in-nuħħala tal-ħafur)	100	

1.9.3.2	Nuħħala miċ-ċereali għajr il-ħafur u l-prodotti tal-maċinazzjoni tal-qamħirrum	50	
1.9.4	Prodotti tal-forn għajr il-prodotti elenkati fil-punt 1.9.5, għaġin, snacks taċ-ċereali u ċereali tal-kolazzjon ħlief il-prodotti elenkati fil-punti 1.9.6, 1.9.7 u 1.9.8	20	<p>Ħlief il-prodotti tar-ross.</p> <p>Inklużi l-prodotti tal-forn żgħar.</p> <p>Għaġin tfisser għaġin (xott) b'kontenut ta' ilma ta' madwar 12 %.</p>
1.9.5	Prodotti tal-forn li fihom mill-inqas 90 % prodotti tal-maċinazzjoni tal-ħafur	100	<p>Ħlief il-prodotti tar-ross.</p> <p>Inklużi l-prodotti tal-forn żgħar.</p>
1.9.6	Fjokki tal-ħafur	100	
1.9.7	Ċereali tal-kolazzjon li jikkonsistu f'mill-inqas 50 % ta' nuħħala taċ-ċereali, prodotti tal-maċinazzjoni tal-ħbub tal-ħafur, prodotti tal-maċinazzjoni tal-ħbub tal-qamħirrum, ħbub sħaħ tal-ħafur, ħbub tax-xgħir, ħbub tal-qamħirrum jew ħbub tal-qamħ durum, u li jikkonsistu f'inqas minn 40 % prodotti tal-maċinazzjoni tal-ħbub tal-ħafur u tal-ħbub sħaħ tal-ħafur	50	
1.9.8	Ċereali tal-kolazzjon li jikkonsistu f'mill-inqas 50 % ta' nuħħala taċ-ċereali, prodotti tal-maċinazzjoni tal-ħbub tal-ħafur, prodotti tal-maċinazzjoni tal-qamħirrum, ħbub sħaħ tal-ħafur, ħbub tax-xgħir, ħbub tal-qamħirrum jew ħbub tal-qamħ durum, u f'mill-inqas 40 % ta' prodotti tal-maċinazzjoni tal-ħbub tal-ħafur u tal-ħbub sħaħ tal-ħafur	75	

1.9.9	Ikel tat-trabi u ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ- ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar ⁽³⁾	10	<p>Ħlief il-prodotti tar-ross.</p> <p>Il-livell massimu japplika għall-materja niexfa ⁽⁵⁾ tal-prodott kif imqiegħed fis-suq.</p>
1.9.10	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat- trabi u għat-tfal żgħar ⁽³⁾	10	<p>Ħlief il-prodotti tar-ross.</p> <p>Il-livell massimu japplika għall-materja niexfa ⁽⁵⁾ tal-prodott kif imqiegħed fis-suq.”</p>

ANNEX [...]